MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## MARIA KARLSSON

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Talba Numru. 1553/2005

**Clayton Communications Limited (C23885)**

**vs**

**La Palma Imports Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' seba' mija sitta u disghin Lira Maltin u hamsin centezmu (LM796.50) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici wara li l-istess socjeta' attrici fornit lis-socjeta' konvenuta materjal ta' 'printing;'

Illi ghalkemm interpellata ghal dan il-hlas is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;
Illi ghakhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici qeighda titlob il-kundanna ghall-hlas ta’ seba’ mija sitta u disghin Lira Maltin u hamsin centezmu (LM796.50), oltre l-ispejjex u l-imghax.

Is-Socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta’ l-konvenuta baqghet ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-Kapitolu li gie pprezentata mill-Avukat Abigail Galea fl-20 ta’ Marzu, 2007 u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------